# KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA
# IT-TIENI LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 50

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis, 4 ta' Ottubru 2018 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

Data u ħin

** **PREŻENTI:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

nil

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

**50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ittri ta' apoloġija

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**50.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru 49.**

Approvazzjoni ta' Minuti

Il-minuti tas-seduta numru disgħa u erbgħin (49) kienu mressqa għall-vot mill-Viċi Ċerpersin u ssekondati mis-Sur George Attard. Il-minuti ta' din is-seduta kienu approvati b'vot unanimu.

**50.4 Permessi tal-Kiosks u l-bars fil-Festa ta' San Martin 2018** — Permessi tal-kiosks u l-bars fl-festa

Kienetipprezentata lill-Kumitat Amministrattiv mis-Segretarju Ezekuttiv , il-lista ta' 10 kiosks u 2 permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet fuq s-sit li rmaw is-sena l-oħra fil-Festa ta' San Martin. Dawn il-permessi għaddiew b'vot unanimu u din is-sena se jingħataw (joħorġu) fuq l-istess bażi.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-membri illi kienet ippreżentata talba għal *mobile toilets* mir-Rettur Fr Ray Francalanza, kif ukoll talba għal *no objection* biex issir esebizzjoni ta' vetturi militari u wirja ta' armi bi skrataġ finta (blanc). Fl-istess ittra ir-Rettur saħaq illi ma joħorġux permessi ta' kabbani u *stalls* viċin il-knisja.

Il-kumitat amministrattiv qabel ma' dawn il-punti. In-*no objection* u l-approvazzjoni ta' żewġ *mobile toilets* li se jkunu jistgħu jintużaw minn persuni b'diżabilita', se jkunu kkomunikati lir-Rettur fil-futur immedjat.

**50.5 Xogħlijiet fil-Baħrija** — Xogħlijiet fil-Baħrija

Dwar ix-xogħlijiet fil-Baħrija, is-SE għandu konferma illi l-ġnien se jkun inawgurat. Infatti il-Kumitat Amminstrattiv qabel illi jkunu kkonnettjati l-lampi tad-dawl tiegħu permezz ta' STL mal-Korporazzjoni Enemalta.

Marthese Cortis qalet illi hemm bżonn li fin-naħa tan-Nigret hemm bżonn li jerġgħu isiru ir-*route signs* li juru fost postjiet oħra, l-inħawi tal-Baħrija.

Marthese Cortis tkellmet fuq id-diffikultajiet fil-ġbir tal-iskart fl-inħawi tal-Kunċizzjoni fejn inħarqet *skip*.

George Attard saħaq fuq il-punt illi fil-festa ta' San Martin, il-Pulizija għandha tidderieġi t-traffiku minn Triq Wied Rini, għal dawk li jkunu ħerġin 'il barra.

George Attard semma' wkoll il-bżonn li tissewwa il-lampa quddiem numru 9 fi Triq il-Lewż u li din it-triq għandha tiġi *one way* kif indikat fil-laqgħa preċedenti.

Anġelo Portelli qal illi fil-festa m'hemmx għalfejn il-Puluzija tibqa' tagħlaq il-Pjazza tal-Baħrija mid-9.00am 'il quddiem peress li l-fiera m'għadiex issir fl-istess post.

Is-SE informa lill-membri illi s-*sleeping policeman* li kienet inqalgħet minn ħdejn l-iskola issa tpoġġiet mill-Gvern Ċentrali u se tiġi miżbugħa mill-Kunsill għaliex din ma tidhirx u qed jagħmlu l-ħsara l-vetturi li jgħaddu minn fuqha.

Il-Kumitat Amministrattiv talab aktar dettalji fuq l-offerta pubblika tal-latrina. Il-membri ħassew li ma kienux konsultati qabel ma ħarġet l-offerta pubblika. Is-Segretarju Ezekuttiv ta d-dettalji mitluba u l-membri ma qablux illi din tinfetaħ biss sitt siegħat biss kuljum nhar ta' Ġimgħa, s-Sibt, il-Ħadd u fil-Festi Pubbliċi. Madankollu il-membri ddeċidew illi l-ħinijiet tal-ftuħ jibda' jkun bejn l-10.00am u l-4.00pm. Intant, il-membri qablu li fil-festa ta' San Martin, il-latrina pubblika għandha tiftaħ mit-bejn l-4.00pm u l-10.00pm is-Sibt, u bejn it-8.00am u 8.00pm, il-Ħadd.

Il-Kumitat Amministrattiv talab li jsir it-tindif tat-toroq, il-Ħadd filgħodu sat-8.00am billi dan ikun jinkludi l-ġbir ta' skart *extra* miċ-ċentru tal-Baħrija mill-*bars*, ħwienet u l-każini. Il-membri talbu wkoll illi it-Tnejn filgħodu jsir it-tindif bħas-soltu.

**50.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-1 ta' Novembru 2018.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.35pm.

Minuti approvati llum 29 ta' Novembru, 2018.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Paul Galea | Anthony Bonello |
| Viċi Ċerpersin | Segretarju Eżekuttiv |